# L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol: It-Tieni Kwart tal-2023

NR 162/2023 Data tal-Ħruġ: 13 ta' Settembru 2023

*Fit-tieni kwart tal-2023, l-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol stima li n-numru ta' nies li kellhom xogħol kien ilaħħaq il-294,313, li huma 4.9 fil-mija aktar meta mqabblin mas-sena ta' qabel.*



**L-istatus tax-xogħol**

Stimi tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol juru li, fit-tieni kwart tal-2023, in-numru ta' impjiegi kien ilaħħaq il-294,313 jew 63.5 fil-mija tal-popolazzjoni fl-età ta' ħmistax-il sena u aktar (15+). L-ammont ta' persuni qiegħda kien jammonta għal 7,579 (1.6 fil-mija), filwaqt li n-numru ta' persuni mhux attivi fis-suq tax-xogħol kien ta' 161,947 (34.9 fil-mija) (Tabella nru 1). Fil-perjodu li qed jiġi meqjus f'din l-istqarrija, r-rata tal-attività fis-suq tax-xogħol kienet 80.9 fil-mija, bl-ogħla rata tkun fost persuni fl-età ta' bejn il-25 u l-54 sena (92.0 fil-mija) (Tabella nru 2).

**In-nies li jaħdmu**

Bħala medja, 79 persuna minn kull 100 fl-età bejn il-15 u l-64 sena kienu qegħdin jaħdmu. Għall-irġiel, ir-rata tax-xogħol kienet ta' 85.0 fil-mija, filwaqt li għan-nisa din kienet ta' 71.7 fil-mija (Tabella nru 4). L-akbar sehem ta' persuni jaħdmu kien qalb in-nies fl-età bejn il-25 u l-34 sena, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa (Ċart nru 1).

Dawk li jaħdmu għal rashom kienu jammontaw għal 14.8 fil-mija tan-nies kollha b'impjieg ewlieni (Tabella nru 5). Il-biċċa l-kbira tan-nies li jaħdmu jagħmlu dan fuq bażi full-time u kienu jgħoddu 258,909, filwaqt li 35,404 oħra kellhom impjieg part-time bħala l-impjieg ewlieni tagħhom (Tabella nru 6). Ir-riżultati juru li, bħala medja, il-persuni full-time ħadmu 40.7 siegħa, filwaqt li dawk part-time ħadmu 22.0 siegħa fil-ġimgħa. Fit-tieni kwart tal-2023, in-nies li jaħdmu fil-fatt ħadmu 35.2 siegħa fil-ġimgħa, 0.8 ta' siegħa aktar meta mqabblin mal-istess kwart tas-sena ta' qabel (Tabella nru 7).

Fit-tieni kwart tal-2023, is-salarju bażiku medju fix-xahar tal-impjegati kien stmat ta' €1,831. L-ogħla salarju bażiku kien irreġistrat fil-qasam tal-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni (Tabella nru 10). Is-salarji medji fix-xahar varjaw minn €1,163 fost persuni impjegati f'xogħlijiet elementari għall-€2,994 fost il-maniġers (Tabella nru 14).

## Ċart nru 1. L-impjiegi bil-grupp tal-età u s-sess




**In-nies qiegħda u dawk mhux attivi fis-suq tax-xogħol**

Ir-rata tal-qgħad għat-tieni kwart tal-2023 kienet ta' 2.5 fil-mija (Tabella nru 17). L-akbar għadd ta' persuni qiegħda kien qalb in-nies fl-età bejn il-25 u l-74 sena (Tabella nru 16). In-nisa kienu jifformaw 58.7 fil-mija tan-nies kollha li ma kienux attivi fis-suq tax-xogħol u dawk 'l fuq minn 65 sena kienu jirrappreżentaw l-akbar għadd ta' nies mhux attivi (Tabella nru 19). Ir-raġuni ewlenija għaliex in-nies ma kinux attivi fis-suq tax-xogħol kienet minħabba li tkun intlaħqet l-età tal-irtirar jew minħabba li l-persuni jkunu rtiraw qabel iż-żmien (43.5 fil-mija) (Tabella nru 20).

**Il-livell edukattiv**

Aktar minn 40 fil-mija tan-nies fl-età ta' ħmistax-il sena u aktar kellhom livell ta' edukazzjoni sekondarja jew inqas (41.8 fil-mija) (Tabella nru 21). Bil-maqlub ta' dawn, 34.9 fil-mija tan-nies li jaħdmu kellhom livell ta' edukazzjoni terzjarja (Tabella nru 22).